PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Dokument ta' sessjoni

A6-0133/2009

13.3.2009

RAPPORT

dwar l-iżvulupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali skont it-Trattat ta' Liżbona
(2008/2120(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Elmar Brok

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 10

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN 13

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP 15

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT 18

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-iżvulupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali skont it-Trattat ta' Liżbona
(2008/2120(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness fit-Trattat ta' Amserdam,

– wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità anness mat-Trattat ta' Amserdam,

– wara li kkunsidra t-Trattat ta' Liżbona, l-aktar l-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat ta' Liżbona, partikolarment f'Artikolu 9 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità anness mat-Trattat ta' Liżbona,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2002 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fl-integrazzjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida għar-relazzjonijiet bejn il-gvernijiet u l-Parlamenti dwar kwistjonijiet tal-Komunità (standards minimi istruttivi) tas-27 ta' Jannar 2003 (il-"Linji Gwida Parlamentari ta' Copenhagen")[2], adottati fil-XXVIII Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Komunitarji u Ewropej tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC),

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-Koperazzjoni Interparlamentari fl-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Ġunju 2008[3],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-XL Seduta tal-COSAC fl-4 ta' Novembru 2008 f'Pariġi, b'mod partikolari Punt 1 tagħhom,

– wara li kkunsidra r-Rapport tas-Sottokumitat tal-Parlament Irlandiż dwar il-Futur tal-Irlanda fl-Unjoni Ewropea b'mod partikolari l-paragrafi 29 sa 37 tas-sommarju eżekuttiv, fejn jintalab tisħiħ estensiv tal-iskrutinju Parlametari tal-gvernijiet nazzjonali bħala membri tal-Kunsill,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

[1] Adottat skont ir-rappport A5-0023/2002 tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali (ir-rapport ta' Napolitano) (ĠU C 284 E, 21.11.2002, p. 322.).

[2] ĠU C 154, 2.7.2003, p. 1.

[3] Verżjoni riveduta li sar qbil fuqha mill-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea fil-laqgħa tal-20 u l-21 ta' Ġunju 2009 f'Liżbona.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0133/2009),

A. billi l-aħħar riżoluzzjoni adottata mill-Parlament Ewropew dwar il-kwistjoni tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali saret fl-2002 u għalhekk wasal iż-żmien għal evalwazzjoni mill-ġdid,

B. billi ċ-ċittadini huma rappreżentati fil-livell tal-UE direttament mill-Parlament Ewropew u l-Istati Membri huma rrappreżentati fil-Kunsill permezz tal-gvernijiet rispettivi tagħhom, li huma nfushom huma demokratikament responsabbli għall-parlamenti nazzjonali tagħhom (ara l-Artikolu 10(2) tat-Trattat tal-UE fil-verżjoni tat-Trattat ta’ Liżbona); konsegwentament il-parlamentarizzazzjoni meħtieġa tal-Unjoni għandha sserraħ fuq żewġ approċċi fundamentali li jinvolvu t-twessigħ tas-setgħat tal-Parlament Ewropew fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha tal-Unjoni u t-tisħiħ tas-setgħat tal-parlamenti nazzjonali fir-rigward tal-gvernijiet attwali tagħhom.

C. billi, waqt il-Konvenzjoni Ewropea, il-kollaborazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali u r-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, kif ukoll bejn dawn tal-aħħar u r-rappreżentanti tal-parlamenti tal-pajjiżi kandidati għad-dħul fl-UE kienet eċċellenti,

D. billi l-organizzazzjoni ta’ Laqgħat Parlamentari Konġunti dwar temi partikolari fil-qafas tal-fażi ta’ riflessjoni uriet l-utilità tagħha, u għalhekk din il-proċedura tista' tintuża meta ssir sejħa għal konferenza ġdida jew fil-każ ta’ ċirkostanzi analogi,

E. billi r-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tjiebu u saru aktar diversifikati f’dawn l-aħħar snin u qed isiru għadd dejjem jiżdied ta’ attivitajiet fil-livell tal-parlamenti kollha kemm huma kif ukoll fil-livell ta’ kumitati parlamentari,

F. billi fl-iżvilupp futur tar-relazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati l-merti u n-nuqqas ta’ merti tad-diversi prattiki eżistenti,

G. billi l-parlamenti nazzjonali, fuq il-bażi tal-kompetenzi ġodda mogħtija lilhom skont it-Trattat ta’ Liżbona, partikolarment fir-rigward tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà, qed jiġu mħeġġa’ jinvolvu ruħhom b’mod attiv mill-bidu fil-proċess tat-tfassil tal-politka fil-livell tal-EU,

H. billi l-forom kollha ta’ kooperazzjoni interparlamentari għandhom ikunu f’armonija ma’ żewġ prinċipji bażiċi: aktar effiċjenza u demokratizzazzjoni parlamentari,

I. billi l-kompitu u l-funzjoni primarji tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali huma li jieħdu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-liġijiet u sabiex iwettqu skrutinju tal-għażliet politiċi fil-livell nazzjonali u dak Ewropew rispettivament; billi dan ma jfissirx li kooperazzjoni mill-qrib għall-ġid komuni hija superfluwa, speċjalment fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-liġi tal-l-UE fil-liġi nazzjonali,

J. billi jkun xieraq li jiġu żviluppati linji gwida poltiċi li abbażi tagħhom ir-rappreżentanti u l-istituzzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jiddeterminaw l-azzjoni tagħhom fil-futur fir-rigward tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali u tall-implimentazzjoni

tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona fir-rigward tal-parlamenti nazzjonali,

Il-kontribuzzjoni tat-Trattat ta' Liżbona għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-obbligi u d-drittijiet tal-parlamenti nazzjonali skont it-Trattat ta' Liżbona - li huwa "Trattat tal-Parlamenti" - li permezz tagħhom l-irwol ta' dawn stess fil-proċess politiku tal-Unjoni Ewropea jissaħħaħ; iqis li dawn id-drittijiet jistgħu jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji

   Tagħrif dwar:

   – l-evalwazzjoni tal-politiki fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;

   – ix-xogħol tal-Kumitat Konġunt dwar is-Sigurtà Interna;

   – proposti sabiex ikunu emendati t-Trattati;

   – applikazzjonijiet għal adeżjoni mal-Unjoni;

   – reviżjonijiet simplifikati tat-Trattat (sitt xhur minn qabel);

   – proposti għal miżuri li jissupplimentaw it-Trattat;

   Parteċipazzjoni attiva:

   – fil-funzjonament tajjeb tal-Unjoni (regolament ġenerali);

   – fil-kontroll tal-Europol u l-Eurojust flimkien mal-Parlament Ewropew;

   – f'konvenzjonijiet relatati ma' tibdil fit-Trattati;

   Oġġezzjonijiet għal:

   – dispożizzjonijiet legali mhux konformi mal-priniċipju ta' sussidjarjetà, permezz tal-proċeduri tal-"karta s-safra" u "l-karta l-oranġjo";

   – tibdil fit-Trattat bil-proċedura simplifikata;

   – miżuri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kwistjonijiet tal-liġi ċivili (liġi tal-familja);

   – ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, billi titressaq azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (jekk tkun permessa bil-liġi nazzjonali);

Relazzjonijiet attwali

2. Jinnota b'sodisfazzjon li r-relazzjonijiet tiegħu mal-parlamenti nazzjonali u l-membri tagħhom fis-snin riċenti żviluppaw b'mod pjuttost pożittiv, għalkemm għadhom ma laħqux il-livell meħtieġ, partikolarment permezz ta' dawn il-forom ta' attivitajiet konġunti li ġejjin:

   – laqgħat parlamentari konġunti dwar suġġetti orizzontali lilhinn mill-kompetenza ta'

kumitat wieħed;

- Laqgħat regolari tal-Kumitati Konġunti (mill-anqas darbtejn kull sitt-xhur),
- laqgħat interparlamentari ad hoc fil-livell tal-kumitat fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-parlament tal-Istat Membru li jkollu l-presidenza tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew;
- laqgħat interparlamentari fil-livell tal-presidenti tal-kumitati;
- kooperazzjoni fil-livell tal-presidenti tal-parlament fi ħdan il-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea;
- żjarat minn membri tal-parlamenti nazzjonali lill-Parlament Ewropew sabiex jieħdu sehem f'laqgħat ta' kumitati speċjalizzati korrospondenti;
- laqgħat fi ħdan il-gruppi jew partiti politiċi fil-livell Ewropew fejn jitlaqgħu politiċi mill-Istati Membri kollha ma' Membri tal-Parlament Ewropew;

Relazzjonijiet fil-ġejjieni

3. Huwa tal-opinjoni li għandhom ikunu żviluppati forom ġodda ta' djalogu pre- u post-leġiżlattiv bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali;

4. Iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex iżommu lill-gvernijiet nazzjonali responsabbli għall-mod kif imexxu l-infiq tal-fondi tal-UE; jistieden lill-parlamenti nazzjonali biex iwettqu skrutinju tal-kwalità tal-istudji tal-impatt nazzjonali u tal-mod kif il-gvernijiet nazzjonali jittrasponu l-liġi tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u jimplimentaw il-politiki u l-programmi ta' finanzjament tal-UE fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali; jitlob lill-parlamenti nazzjonali sabiex jimoniterjaw b'mod strett ir-rappurtarr tal-pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni tal-aġenda ta' Liżbona;

5. Iqis bħala xieraq li jiġi offrut appoġġ lill-parlamenti nazzjonali fl-iskrutinju tagħhom tal-abbozzi tal-leġiżlazzjoni qabel ma jiġu kkunsidrati mill-organu leġiżlattiv tal-Unjoni, kif ukoll fl-iskrutinju effettiv tal-gvernijiet tagħhom meta jkunu qed jaġixxu fil-Kunsill;

6. Jinnota li permezz ta' Laqgħat bilaterali Konġunti regolari ta'Kumitati speċjalizzati korrispondenti u laqgħat interparlamentari ad hoc fil-livell tal-kumitat, li jsiru fuq stedina tal-Parlament Ewropew, jippermettu djalogu minn kmieni dwar atti leġiżlattivi jew inizjattivi politiċi attwali jew ippjanati, u għaldaqstant dawn għandhom jinżammu u għandu jinħoloq netwerk permanenti u sistematiku ta' kumitati korrispondenti; jemmen li qabel jew wara laqgħat bħal dawn jistgħu jsiru seduti bilaterali ad hoc tal-kumitati dwar kwistjonijiet speċifiċi nazzjonali; jemmen li l-konferenza tal-presidenti tal-kumitati tista' tiġi fdata bil-kompitu li tfassal u tikkordinata flimkien mal-parlamenti nazzjonali programm għall-attivitajiet tal-kumitati speċjalizzati;

7. Jinnota li l-laqgħat taċ-chairpersons tal-kumitati speċjalizzati tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, bħal pereżempju l-laqgħat taċ-chairpersons tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għal-

Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, minħabba l-għadd limitat ta' parteċipanti, huma wkoll għodda għall-iskambju tal-informazzjoni u tal-opinjonijiet;

8. Huwa tal-opinjoni li forom ta' kooperazzjoni differenti minn dawk imsemmija hawn fuq jistgħu jkunu ta' kontribut effettiv għall-ħolqien ta' spazju politiku Ewropew u għalhekk għandhom jiġu żviluppati aktar u diversifikati;

9. Lest li jilqa' f'dan il-kuntest innovazzjonijiet fil-livell tal-parlamenti nazzjonali, bħal pereżempju, l-għoti tad-dritt lill-Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu mistiedna darba fis-sena sabiex jitkellmu f'seduti plenarji tal-parlamenti nazzjonali, li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kumitati tal-affarijiet Ewropej fuq bażi konsultattiva, li jipparteċipaw f'laqgħat ta' kumitati speċjalizzati kull meta huma jiddiskutu aspetti relevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li jieħdu sehem f'laqgħat tal-gruppi politiċi rispettivi fuq bażi konsultattiva;

10. Jirrakkomanda li jiġi allokat baġit adegwat biex jiġu organizzati laqgħat tal-kumitati speċjalizzati mal-kumitati rispettivi tal-parlamenti nazzjonali u tar-rapporteurs tal-Parlament Ewropew mal-kontrapartijiet tagħhom fil-parlamenti nazzjonali, u jirrakkomanda li tiġi eżaminata l-possibilità li jiġu installati l-mezzi tekniċi li jippermettu l-organizzazzjoni ta' konferenzi bil-video bejn ir-rapporteurs tal-kumitati speċjalizzati tal-parlamenti nazzjonali u dawk tal-Parlament Ewropew;

11. Huwa konvint li poteri akbar għall-parlamenti nazzjonali fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif hemm stipulat fit-Trattat ta' Lizbona, jippermettu li l-leġiżlazzjoni Ewropea tkun influwenzata u eżaminata minn kmieni u dan ikun ukoll ta' kontribut għat-tfassil tal-liġijiet kif ukoll għal koerenza mtejba tal-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE;

12. Jinnota li parlamenti nazzjonali għall-ewwel darba qed jingħataw irwol definit fl-affarijiet tal-UE li huwa distint minn dak tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom, jikkontribwixxi għal kontroll demokratiku aktar b'saħħtu u li jressaq lill-Unjoni aktar qrib iċ-ċittadin;

13. Ifakkar li kontroll fuq il-gvernijiet nazzjonali mill-parlamenti nazzjonali għandu jkun eżerċitat l-ewwel u qabel kollox skont ir-regoli kostituzzjonali u l-liġijiet relevanti;

14. Jenfasizza l-fatt li l-parlamenti nazzjonali għandhom rwol importanti meta wieħed jiġi għall-implimentazzjoni tal-liġi Ewropea u li mekkaniżmu għall-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam ikun ta' importanza kbira;

15. Jinnota f'dan il-kuntest li l-ħolqien ta' pjattaforma elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-parlamenti, li-websajt IPEX[1], jirrappreżenta pass kbir 'l quddiem peress li dan jippermetti li l-eżami ta' dokumenti tal-EU fil-livell tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Parlament Ewropew, u jekk ikun il-każ, il-proċess ta' traspożizzjoni tagħhom fil-liġi nazzjonali mill-parlamenti nazzjonali isir f'ħin reali; iqis, għalhekk, li huwa neċessarju li din is-sistema teknikament żviluppata u mmexxija mill-Parlament Ewropew tkun appoġġjata b'baġit xieraq;

---

[1] IPEX: Interparliamentary EU Information Exchange, imniedi uffiċjalment f'Lulju 2006.

16. Jipprevedi kontroll aktar sistematiku tad-djalogu pre-leġiżlattiv bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni (l-hekk imsejħa "inizjattiva Barroso"), sabiex ikun mgħarraf minn kmieni waqt il-proċess leġiżlattiv dwar il-pożizzjoni tal-parlamenti nazzjonali; jitlob lill-parlamenti nazzjonali biex fl-istess ħin jagħmlu aċċessibbli lill-Parlament Ewropew il-pożizzjonijiet tagħhom f'dan il-kuntest;

17. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fl-aħħar snin fl-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn il-Parlement Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fil-qasam tal-affarijiet barranin, is-sigurtà u d-difiża;

18. Jirrikonoxxi li l-parlamenti nazzjonali għandhom rwol importanti fl-għoti ta' informazzjoni, waqt dibattiti nazzjonali, dwar il-Politika Komuni għall-Affarjiet Barranin u s-Sigurtà (CFSP) u l-Politika Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża (ESDP);

19. Jinnota bi tħassib li r-responsabilità għall-prekawzjonijiet finanzjarji fir-rigward tas-CFSP u l-ESDP quddiem il-parlamenti hija insuffiċjenti u li għalhekk il-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali għandha titjieb, biex wieħed jasal għal kontroll demokratiku tal-aspetti kollha ta' dawn il-politiki[1];

20. Jitlob, fl-interess ta' koerenza u l-effiċjenza u biex jiġi evitat xogħol doppju, li tiġi xolta l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni Ewropea tal-Punent (WEU), malli l-WEU tiġi integrata definitivament fl-Unjoni Ewropea bis-saħħa tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona;

L-irwol tal-COSAC

21. Huwa tal-opinjoni li l-irwol tal-COSAC fil-ġejjieni jkollu jkun definit b'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, u li l-COSAC, b'konformità mal-Protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea li huwa anness fit-Trattat ta' Amsterdam, għandu primarjament jibqa' forum għall-iskambju ta' informazzjoni u dibattitu dwar kwistjonijiet politiċi ġenerali u l-aħjar prattiki fir-rigward tal-kontroll tal-gvernijiet nazzjonali[2]; jikkunsidra li l-informazzjoni u d-dibattitu għandhom ikunu ffokati fuq attivitajiet leġiżlattivi li jirrigwardaw il-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja u fir-rigward tal-prinċipju ta' sussidjarjetà fil-livell tal-Unjoni Ewropea;

22. Huwa determinat li jaqdi l-irwol tiegħu b'mod totali, sabiex iwettaq ir-responsabiltajiet tiegħu fir-rigward tal-funzjonament tal-COSAC u biex ikompli joffri appoġġ tekniku lis-segretarjat tal-COSAC u lir-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali;

23. Ifakkar li l-attivitajiet tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali fi ħdan il-COSAC għandhom ikunu kumplimentari u m'għandhomx ikunu frammentati jew abbużati minn barra;

[1] Ftehima Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU. C 139, 14. ta' Ġunju 2006, p. 1) u l-Artikolu 28(3) Trattat UE.
[2] Ara l-linji gwida għar-relazzjonijiet bejn il-gvernijiet u l-parlamenti dwar kwistjonijiet tal-Komunità (standards minimi istruttivi) li għalihom saret referenza hawn fuq.

24. Jemmen li l-kumitati speċjalizzati tiegħu għandhom ikunu involuti b'mod aktar qawwi fit-tħejjija u fir-rappreżentazzjoni tal-laqgħat tal-COSAC; huwa tal-opinjoni li d-delegazzjoni tiegħu għandha tkun immexxija mill-president tal-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Kostituzzjonali u għandha tinkludi l-presidenti u r-rapporteurs tal-kumitati speċjalizzati li jkunu qed jieħdu ħsieb l-affarijiet li huma fl-aġenda relattiva tal-laqgħa tal-COSAC; iqis bħala essenzjali li l-Konferenza tal-Presidenti u l-Membri jiġu infurmati dwar il-progress u r-riżultati tal-laqgħat tal-COSAC;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-Presidenti tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Żvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali

Waqt il-perjodu qabel l-ewwel elezzjonijiet diretti fl-1979, ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali kienu f'ċertu sens "organiċi" peress li l-Membri tal-Parlament Ewropew kienu jiġu maħtura mill-parlamenti nazzjonali. L-elezzjonijiet diretti temmew din ir-rabta u l-mistoqsija ħarġet waħedha: kif setgħet tkun u kellha tkun ir-relazzjoni fil-ġejjieni? Wara perjodu pjuttost twil li fih saru kuntatti sporadiċi mingħajr qafas regolari, bl-adozzjoni tat-Trattat ta' Maastricht sar l-ewwel tentattiv biex ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali jiġu strutturati. Żewġ dikjarazzjonijiet annessi mat-Trattat enfasizzaw li l-parlamenti nazzjonali għandhom rwol fil-proċess leġiżlattiv tal-Komunità, li għandhom jiġu infurmati mill-gvernijiet tagħhom dwar il-proposti leġiżlattivi fi żmien xieraq u li għandu jkun hemm kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew. Dawn setgħu jieħdu l-forma, fost affarijiet oħra, ta' laqgħat regolari u l-użu tal-faċilijiet taż-żewġ naħat[1].

Fl-istess waqt tnidiet il-Konferenza tal-Kumitati tal-Affarijiet Komunitarji u Ewropej tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC). Din torganizza laqgħat kull sitt xhur, li jinvolvu wkoll rappreżentatnti mill-Parlament Ewropew, b'mod partikolari sabiex ikun hemm skambju ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki fil-qasam ta' skrutinju tal-politiki tal-gvernijiet nazzjonali dwar kwistjonijiet tal-UE. Il-COSAC tista' jindirizza 'kontribuzzjonijiet' lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, għalkemm dawn ma jorbtux lill-parlamenti involuti. L-involviment tal-Parlament Ewropew isir billi dan jibgħat delegazzjoni ta' sitt Membri, li tnejn minhom huma viċi-Presidenti partikolarment familjari ma kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet mal-parlament nazzjonali.

Il-protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat ta' Amsterdam ifformalizza dawn l-arranġamenti u tahom status ta' liġi tat-Trattat. Il-protokoll jinkuraġġixxi lill-parlamenti nazzjonali jinvolvu ruħhom aktar mill-qrib fl-attivitajiet tal-Unjoni u jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet ta' interess partikolari għalihom. Bil-ħsieb ta' dan il-għan, huwa jipprovdi għal trażmissjoni aktar mgħaġġla tad-dokumenti tal-Kummissjoni u jistipula perjodu ta' sitt ġimgħat qabel ma l-Kunsill ikun jista' jikkunsidra dokument.

Id-'Dikjarazzjoni dwar il-Futur tal-Unjoni' adottata mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza ħasbet sabiex il-parlamenti nazzjonali jkunu involuti f'diskussjoni wiesgħa li jindirizzaw kwistjonijiet li jinkludu 'l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-arkitettura tal-Ewropa'. Għalhekk, wieħed mill-ħdax-il grupp ta' ħidma li stabbiliet il-Konvenzjoni Ewropea, li ġiet wara, iffoka fuq l-irwol tal-parlamenti nazzjonali. Fir-rapport finali tiegħu, il-grupp ta' ħidma ddikjara li l-parlamenti nazzjonali għandhom jużaw il-mezzi kollha li għandhom disponibbli biex jinfluwenzaw il-Kunsill permezz tal-gvernijiet tagħhom. Il-kwistjoni li l-Unjoni tiġi 'ankrata' fl-Istati Membri kienet waħda tal-parlamenti nazzjonali. Ir-relazzjoni mal-Parlament Ewropew mhijiex waħda ta' kompetizzjoni. L-irwoli tat-tnejn huma possibilment differenti,

[1] Dikjarazzjonijiet 13 u 14

iżda huma jaqsmu l-objettiv komuni li jġibu l-UE aktar viċina taċ-ċittadini u b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika tal-Unjoni[1].

Fis-sena 2002 il-Parlament Ewropew fassal rapport komprensiv dwar ir-relazzjonijiet tiegħu mal-parlamenti nazzjonali[2]. F'dan ir-rapport intqal li t-tħassib tal-parlamenti nazzjonali fir-rigward tal-Unjoni Ewropea għamilha neċessarja li l-poteri tagħhom fil-konfront tal-gvernijiet rispettivi u l-Unjoni Ewropea jiġu definiti aħjar. B'mod partikolari tkellem dwar kooperazzjoni aktar mill-qrib u aktar effettiva bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew[3]. Skont dan ir-rapport, il-parlamentarizzazzjoni meħtieġa tal-Unjoni tibbaża ruħha fuq żewġ pilastri: minn naħa waħda, it-twessigħ tal-poteri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha tal-Unjoni, u min-naħa l-oħra, it-tisħiħ tal-poteri tal-parlamenti nazzjonali fir-rigward tal-gvernijiet rispettivi tagħhom[4]. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-aspett prattiku, il-Parlament Ewropew ippropona li l-kooperazzjoni bejn il-kumitati parlamentari rispettivi fis-setturi kollha relatati mal-integrazzjoni Ewrtopea għandhom jiġu żviluppati aktar u jiġu sistematizzati, fost affarijiet oħra, fil-qasam tal-politika barranija u tas-sigurtà komuni, l-unjoni ekonomika u monetarja, fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u l-affarijiet kostituzzjonali[5].

Fil-protokolli annessi mat-Trattat Kostituzzjonali li jittrattaw l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità għall-ewwel darba l-parlamenti nazzjonali ngħataw il-possibilità li jiżguraw reviżjoni ta' proposta leġiżlattiva fir-rigward tal-konformità tagħha mal-prinċipju ta' sussidjarjetà jekk terz mill-parlamenti nazzjonali jagħmlu din it-talba (il-proċedura 'karta s-safra'). Fl-istess protokolli annessi mat-Trattat ta' Liżbona, msejjaħ ukoll it-Trattat ta' Riforma, dan id-dritt ġie mwessa' biex jinkludi l-possibilità li titwaqqaf il-konsiderazzjoni ta' proposta leġiżlattiva fuq il-bażi ta' sejħa magħmula minn maġġoranza tal-parlamenti nazzjonali, maġġoranza fil-Parlament Ewropew u maġġoranza ta' 55% tal-membri tal-Kunsill (proċedura 'karta l-ħamra'). Din l-innovazzjoni għandha wkoll effett fuq ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, peress li dan tal-ewwel għandu jħalli perjodu ta' tmien ġimgħat jgħaddu qabel jikkonkludi l-kunsiderazzjoni tiegħu għal proposta, u għandu jikkunsidra l-opinjonijiet motivati sottomessi f'dan il-perjodu. Barra minn hekk, għandu jadatta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu għas-sitwazzjoni l-ġdida. Għalkemm is-sinifikat prattiku tal-arranġamenti l-ġodda mhux se joħroġ ċar qabel ma jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona, il-sinifikat 'simboliku' tagħhom m'għandux jiġi sottovalutat, peress li għall-ewwel darba l-parlamenti nazzjonali ġew rikonoxxuti uffiċjalment bħala 'parteċipanti fil-livell ta' Unjoni'.

II. Konklużjonijiet

X'konklużjonijiet joħorġu mill-iżviluppi tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali kif ġie spegat? L-ewwelnett li m'għadux jeżisti antagoniżmu bejniethom. Il-Parlament Ewropew mhux biss ta prova ta' rieda tajba fil-konfront tal-irwol tal-parlamenti nazzjonali, li dejjem jiżdied fl-importanza; huwa, tarġa', appoġġjah b'mod

[1] Dokument CONV 35302 tat- 22 ta' Ottubru 2002, p. 2 und 3.
[2] Riżoluzzjoni tas-7 ta' Frar 2002, Rapport A5-0023/2002 tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, Rapporteur Giorgio Napolitano.
[3] Paragrafu 1 tar-riżoluzzjoni.
[4] Paragrafu 3 tar-riżoluzzjoni.
[5] Paragrafu 13 tar-riżoluzzjoni.

attiv. Barra minn hekk, dawk involuti rrikonoxxew li huwa biss billi jaħdu flimkien u jikkumplimentaw lil xulxin li huma jistgħu jsaħħu l-iskrutinju parlamentari tal-eżekuttiv kemm fil-livell ta' Unjoni kif ukoll fil-livell ta' Stati Membri. Il-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali jridu jittrattaw mal-istess ministri, sew fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti tal-gvernijiet nazzjonali u sew fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti tal-Kunsill tal-Ministri. Id-duplikazzjoni tax-xogħol u r-rivalitajiet għandhom jiġu evitati miż-żewġ naħat. Ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali għandhom jieħdu l-forma ta' kooperazzjoni li tkun aktar strutturata, iżda mhux neċessarjament aktar formalizzata. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni li tippreċedi dan it-test fiha numru ta' proposti prattiċi dwar dan. Mill-banda l-oħra il-kooperazzjoni interparlamentari m'għandhiex tindaħal fid-drittijiet tal-parlamenti fir-rigward tal-poteri tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Kull forma ta' kooperazzjoni interparlamentari għandha tkun deliberattiva bħala natura, m'għandhiex tinkludi deċiżjonijiet fir-rigward taċ-ċikli eżistenti tal-politika tal-UE u tkun ikkaratterizzata minn rikonoxximent reċiproku tal-parlament u d-deputati bħala mera tas-soċjetà[1].

[1] Andreas Maurer, "The Lisbon Treaty: New options for and recent trends in interparliamentary cooperation", diskors li sar waqt il-konferenza annwali ta' korrispondenti taċ-Ċentru Ewropew għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni Parlamentari, Brussell, 9 ta' Ottubru 2008, p. 7.

24.2.2009

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali skont it-Trattat ta' Liżbona
(2008/2120(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Andrew Duff

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– ifakkar fl-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tiegħu tat-22 ta' Jannar 2008 dwar it-Trattat ta' Liżbona,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fi snin reċenti fl-iżvilupp tal-kollaborazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fil-qasam tal-affarijiet barranin, is-sigurtà u d-difiża;

2. Jirrispetta u jappoġġja l-irwol ċentrali tal-parlamenti nazzjonali fi kwestjonijiet ta' sigurtà nazzjonali;

3. Jemmen li l-Parlament Ewropew għandu funzjoni komplementarju ewlenija fil-kontribuzzjoni lejn is-CFSP u l-ESFP emerġenti u sabiex dawn jiġu skrutinizzati, funzjoni li tista' titjieb biss billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali, fuq bażi ta' komunikazzjoni effettiva bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-parlamentari nazzjonali;

4. Itenni t-tħassib tiegħu għall-accountability parlamentari inadegwata tal-arranġamenti dwar l-iffinanzjar għas-CFSP u l-ESDP; iħeġġeġ kollaborazzjoni aħjar bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali biex jinkiseb kontroll demokratiku tal-aspetti kollha

ta' politiki bħal dawn[1];

5. Jirrikonoxxi li l-parlamenti nazzjonali għandhom rwol importanti fit-tiswir tad-dibattiti nazzjonali dwar is-CFSP u l-ESDP;

6. Jinnota li l-Artikolu 10 tal-Protokoll Nru. 1 tat-Trattat ta' Liżbona dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali jipprevedi l-organizzazzjoni ta' konferenzi interparlamentari mill-COSAC biex jiġu diskussi, b'mod partikolari, kwestjonijiet dwar is-CFSP u l-ESDP;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament tar-Repubblika Ċeka jirratifika t-Trattat ta' Liżbona biex itejjeb il-qagħda tal-ESDP u partikolarment il-parteċipazzjoni tal-forzi armati Ċeki f'operazzjonijiet barranin; jiddispjaċih li din il-qagħda timmina l-pożizzjoni tar-Repubblika Ċeka bħala pajjiż li qed jokkupa l-presidenza tal-UE kif ukoll iddgħajjef il-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala parteċipant internazzjonali effettiv;

8. Jistenna b'ħerqa li jerfa' r-responsabiltajiet akbar tiegħu baġitarji u ta' skrutinju rigward is-CFSP u l-ESDP ladarba jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona, u b'mod partikolari li jinżamm responsabbli l-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli;

9. Fl-interess tal-koerenza u tal-effiċjenza, u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, jitlob għax-xoljiment tal-Assemblea tal-Unjoni tal-Ewropa tal-Punent (WEU) ladarba d-WEU tkun kompletament u finalment assorbita fi ħdan l-Unjoni Ewropea mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona;

10. Jenfasizza l-importanza ta' rwol imsaħħaħ għall-Parlament Ewropew fl-Assemblea Parlamentari tan-NATO;

11. Jinnota l-għadd kulma jiżdied ta' fora parlamentari reġjonali multilaterali bħall-Assemblea Parlamentari Konġunta bejn l-ACP u l-UE, l-EMPA u l-EUROLAT, u jitlob għal valutazzjoni komprensiva tal-valur miżjud tagħhom, kif ukoll għal appoġġ għal dawk l-istrutturi;

12. Jappoġġja l-prattika attwali li jinżammu laqgħat li jsiru darbtejn fis-sena tal-presidenti tal-kumitati relevanti tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew (COFACC);

13. Jipproponi titjib fil-livell tal-konferenzi ta' darbtejn fis-sena kurrenti tal-kelliema tal-kumitati parlamentari u tal-gruppi politiċi nazzjonali, biex jiddibattu flimkien mal-kontrapartijiet tagħhom fis-suġġetti tal-Parlament Ewropew li huma ta' tħassib għal issa u għal li ġej fl-affarijiet barranin u biex jiddefinixxu objettivi ċar fil-kuntest ta' programmi konkreti.

---

[1] Il-Ftehima Interistituzzjonali 2006/C 139/01 u l-Artikolu 41(3) tat-Trattat tal-UE kif emendat mit-Trattat ta' Liżbona.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.2.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 –: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Vittorio Agnoletto, Angelika Beer, Bastiaan Belder, Marco Cappato, Philip Claeys, Maciej Marian Giertych, Ana Maria Gomes, Klaus Hänsch, Maria Eleni Koppa, Vytautas Landsbergis, Francisco José Millán Mon, Pasqualina Napoletano, Janusz Onyszkiewicz, Ioan Mircea Paşcu, João de Deus Pinheiro, Hubert Pirker, Pierre Pribetich, Flaviu Călin Rus, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Geoffrey Van Orden, Andrzej Wielowieyski, Zbigniew Zaleski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Andrew Duff, Pierre Jonckheer, Evgeni Kirilov, Alexandru Nazare, Antolín Sánchez Presedo, Jean Spautz
Sostitut (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Carlos Coelho, Pilar del Castillo Vera, Cristina Gutiérrez-Cortines, Manolis Mavrommatis, José Javier Pomés Ruiz, José Ribeiro e Castro, Ewa Tomaszewska

18.2.2009

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali taħt it-Trattat ta’ Liżbona
(2008/2120(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Thijs Berman

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-

kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-iskrutinju demokratiku mill-parlamenti nazzjonali, ibbażat fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà, se jtejjeb il-koerenza, it-trasparenza u l-komplimentarità bejn l-UE u l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

2. Jenfasizza li l-aġenda għall-iżvilupp, li għandha l-għanijiet prinċipali li jinqered il-faqar u li jintlaħqu l-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp, se tibbenefika ħafna minn diviżjoni ċara tax-xogħol u sforz koordinat f'livell nazzjonali u tal-UE, kif deċiż fid-Dikjarazzjoni dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna adottata mill-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna li seħħ f'Pariġi fit-2 ta' Marzu 2005;

3. Jemmen li l-parlamenti nazzjonali għandhom irwol kruċjali fit-tisħiħ tal-leġittimità politika tal-politika tal-UE dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp minħabba li sforzi koordinati jwasslu għal riżultati aħjar u użu effiċjenti tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp;

4. Jenfasizza li t-Trattat ta' Liżbona jiftaħ it-triq għall-inkorporazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, mingħajr il-bżonn ta' reviżjoni tat-Trattat ta' Liżbona; jemmen b'mod qawwi li l-iskrutinju demokratiku tal-EDF, sakemm l-inklużjoni tal-EDF fil-baġit issir realtà, għandu bżonn approċċ aktar rigoruż mill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinkludu l-EDF fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-2009, minħabba li dan iġib trasparenza u leġittimità demokratika għal parti importanti tal-politika dwar l-iżvilupp u l-baġit tal-UE;

5. Jesprimi r-rieda sħiħa tiegħu biex jaħdem flimkien mal-parlamenti nazzjonali dwar l-iskrutinju demokratiku tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.2.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alessandro Battilocchio, Thijs Berman, Thierry Cornillet, Corina Creţu, Alexandra Dobolyi, Fernando Fernández Martín, Alain Hutchinson, Romana Jordan Cizelj, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Gay Mitchell, Luisa Morgantini, José Javier Pomés Ruiz, José Ribeiro e Castro, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Renate Weber, Gabriele Zimmer

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	9.3.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Barón Crespo, Bastiaan Belder, Richard Corbett, Jean-Luc Dehaene, Andrew Duff, Anneli Jäätteenmäki, Aurelio Juri, Martin Kastler, Timothy Kirkhope, Jo Leinen, Íñigo Méndez de Vigo, Adrian Severin, József Szájer, Riccardo Ventre, Johannes Voggenhuber, Andrzej Wielowieyski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Costas Botopoulos, Catherine Boursier, Elmar Brok, Carlos Carnero González, Panayiotis Demetriou, Sirpa Pietikäinen, György Schöpflin